**Parlament Ewropew**
2019-2024

**TESTI ADOTTATI**

# P9_TA(2020)0284

## L-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro fl-2020

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2020 dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro fl-2020 (2020/2079(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 5 u l-Artikolu 6(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 4, 6, 9, 145, 148, 149, 151, 152, 153, 154, 155, 156, 158, 165, 166, 168, 174 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[1],

– wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha u d-Direttiva 2000/43/KE (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD),

– wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU, b'mod partikolari l-Għanijiet 1, 3, 4, 5, 8, 10 u 13,

– wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta’ Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/559 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward tal-introduzzjoni ta' miżuri speċifiċi biex tiġi indirizzata t-tifqigħa ta' COVID-19[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2020 bit-titolu

---

[1] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
[2] ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.
[3] ĠU L 130, 24.4.2020, p. 7.

"Rispons għall-coronavirus – L-użu ta' kull euro disponibbli b'kull mod possibbli għall-ħarsien tal-ħajja u tal-għajxien ta' kuljum" (COM(2020)0143),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2020/460 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Marzu 2020 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 508/2014 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġu mmobilizzati investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħa COVID-19 (Inizjattiva ta' Investiment b'Reazzjoni għall-Coronavirus)[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Rispons ekonomiku kkoordinat għat-tifqigħa tal-COVID-19" (COM(2020)0112),

– wara li kkunsidra r-Rapport Tekniku taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka bit-titolu "The COVID confinement measures and EU labour market" (Il-miżuri ta' konfinament minħabba l-COVID u s-swieq tax-xogħol tal-UE) li ġie ppubblikat fl-2020 u, b'mod partikolari, l-analiżi tiegħu tal-aktar evidenza riċenti disponibbli dwar ix-xejriet tat-telexogħol fl-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Ġunju 2019 bit-titolu "Tisħiħ tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa: Nieħdu kont erba' snin wara r-Rapport tal-Ħames Presidenti – Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għas-Summit tal-Euro tal-21 ta' Ġunju 2019" (COM(2019)0279),

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta' Ġunju 2015 bit-titolu "Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 dwar is-Semestru Ewropew 2020: Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (COM(2020)0500),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (COM(2020)0123) u d-deċiżjoni tal-Kunsill sussegwenti tagħha tat-23 ta' Marzu 2020,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2020 għal deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2020)0070),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2017 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2017)0677), u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha tad-19 ta' April 2018[2],

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1181 tat-8 ta' Lulju 2019 dwar il-linji gwida għall-politika tal-Istati Membri dwar l-impjiegi[3],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2019 dwar l-

1 ĠU L 99, 31.3.2020, p. 5.
2 ĠU C 390, 18.11.2019, p. 196.
3 ĠU L 185, 11.7.2019, p. 44.

Istrateġija Annwali għall-Iżvilupp Sostenibbli 2020 (COM(2019)0650),

– wara li kkunsidra l-proposta għal rapport konġunt dwar l-impjiegi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2019 li takkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli għall-2020 (COM(2019)0653),

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2019 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2019)0652),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tas-17 ta' Diċembru 2019 bit-titolu "Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2020" (COM(2019)0651),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2019 dwar l-Abbozzi ta' Pjanijiet Baġitarji għall-2020: Valutazzjoni Kumplessiva (COM(2019)0900),

– wara li kkunsidra l-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni Ewropea 2019-2024 li jmiss bit-titolu "Unjoni li tirsisti għal aktar – L-aġenda tiegħi għall-Ewropa", ippreżentati mill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen,

– wara li kkunsidra t-tħabbira mill-President tal-Kummissjoni Ewropea, Ursula von der Leyen, bit-titolu "Unjoni li tirsisti għal aktar: L-aġenda tiegħi għall-Ewropa - linji gwida politiċi għall-kummissjoni ewropea li jmiss 2019-2024": "biex kull tifel jew tifla fil-bżonn isib appoġġ, se noħloq il-garanzija Ewropea għat-tfal, li ssegwi l-idea proposta mill-Parlament Ewropew",

wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 bit-titolu "L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" (COM(2017)0250), u b'mod partikolari l-Prinċipju 11, li jsaħħaħ l-importanza tal-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal,

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2020 dwar "L-isfidi demografiċi - it-triq 'il quddiem"[1],

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2011 dwar ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja fil-kuntest tal-bidla demografika (11841/11),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 bit-titolu "Inizjattiva ta' appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu" (COM(2017)0252),

– wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 480/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2],

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-

---

1 ĠU C 205, 19.6.2020, p. 3.
2 ĠU L 138, 13.5.2014, p. 5.

persuni li jaħdmu għal rashom (COM(2018)0132),

– wara li kkunsidra l-Pakkett ta' Investimenti Soċjali tal-Kummissjoni tal-2013, iddettaljat fil-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020" (COM(2013)0083),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 bit-titolu "Qafas tal-UE għall-Istrateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020" (COM(2011)0173) u r-rapporti sussegwenti tagħha ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni,

– wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE[2],

– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta' April 2017 intitolata "Taking stock of the 2013 Recommendation on "Investing in children: breaking the cycle of disadvantage" (Rendikont tar-Rakkomandazzjoni tal-2013 dwar "L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ") (SWD(2017)0258),

– wara li kkunsidra l-Impenn Strateġiku tal-Kummissjoni Favur l-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011-2020 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011[3] dwar dan u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' Ugwaljanza Bejn is-Sessi għall-2020-2025" (COM(2020)0152),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-29 ta' Mejju 2013 dwar l-objettivi ta' Barċellona bit-titolu "L-iżvilupp tas-servizzi ta' akkoljenza tat-tfal żgħar fl-Ewropa għal tkabbir sostenibbli u inklusiv" (COM(2013)0322),

– wara li kkunsidra l-miri ta' Barċellona dwar il-kura tat-tfal tal-2002, jiġifieri li sal-2010 tiġi pprovduta kura tat-tfal mill-inqas lil 90 % tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola u mill-inqas lil 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin,

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2016 bit-titolu "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara" (COM(2016)0646),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Settembru 2016 bit-titolu "It-Tisħiħ tal-Investimenti Ewropej għall-impjieg u t-tkabbir: Lejn it-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u pjan ġdid ta' Investiment Estern għall-Ewropa" (COM(2016)0581),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital

---

1 ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.
2 ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79.
3 ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10.

uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività" (COM(2016)0381),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020)0274),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM(2016)0356),

– wara li kkunsidra l-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari (id-Direttivi (UE) 2018/849[1], (UE) 2018/850[2], (UE) 2018/851[3] u (UE) 2018/852[4]),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2016 bit-titolu "L-Ewropa tinvesti mill-ġdid – Rendikont tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa u l-passi li jmiss" (COM(2016)0359),

– wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2012 bit-titolu "Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli" (COM(2012)0055),

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 bit-titolu "Is-Solidarjetà fis-Saħħa: It-tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-Settur tas-Saħħa fl-UE" (COM(2009)0567),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa (15071/15),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2019 dwar l-impjiegi u l-politiki soċjali taż-żona tal-euro[5],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2019 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: aspetti soċjali u tal-impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2019[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar l-edukazzjoni fl-era diġitali: sfidi, opportunitajiet u tagħlimiet għat-tfassil tal-politika tal-UE[7],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Settembru 2018 dwar il-mezzi possibbli ta' reintegrazzjoni tal-ħaddiema li qed jirkupraw minn korriment u mard f'impjieg ta' kwalità[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Novembru 2017 dwar il-ġlieda kontra

---

1 ĠU L 150, 14.6.2018, p. 93.
2 ĠU L 150, 14.6.2018, p. 100.
3 ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109.
4 ĠU L 150, 14.6.2018, p. 141.
5 Testi adottati, P9_TA(2019)0033.
6 Testi adottati, P8_TA(2019)0202.
7 ĠU C 134, 24.4.2020, p. 16.
8 ĠU C 433, 23.12.2019, p. 9.

l-inugwaljanzi bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar[2] ,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa[3] ,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali[4] ,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar faqar: perspettiva tal-ġeneru[5] ,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat[6],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol 2014-2020[7],

– wara li kkunsidra l-inizjattiva tal-OECD u l-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Istat tas-Saħħa fl-UE" u r-rapport relatat "Health at a glance: Ewropa 2018" (Ħasra lejn is-saħħa: Ewropea 2018),

– wara li kkunsidra r-rapport tal-2018 tal-Kummissjoni dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet: l-adegwatezza attwali u futura tal-introjtu fix-xjuħija fl-UE, ippubblikat fis-26 ta' April 2018,

– wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni dwar it-Tixjiħ 2018: Projezzjonijiet Ekonomiċi u Baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2016-2070), li ġie ppubblikat fit-28 ta' Mejju 2018,

– wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta u l-Proċess ta' Turin, li tnieda fl-2014 u li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sistema tat-trattat tal-Karta Soċjali Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa u fir-relazzjoni tiegħu mad-dritt tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE[8],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-istrateġija tal-UE

[1] ĠU C 356, 4.10.2018, p. 89.
[2] ĠU C 346, 27.9.2018, p. 156.
[3] ĠU C 337, 20.9.2018, p. 135.
[4] ĠU C 242, 10.7.2018, p. 24.
[5] ĠU C 76, 28.2.2018, p. 93.
[6] ĠU C 35, 31.1.2018, p. 157.
[7] ĠU C 366, 27.10.2017, p. 117.
[8] ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 25.

dwar is-saħħa pubblika wara l-COVID-19[1],

– wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità ta' Settembru 2015 dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea ta' Ġunju 2014 lill-Kumitat,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (id-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali)[2] , u l-Artikolu 141 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (1992), dwar il-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-2014,

– wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ għall-2019-2027, ibbażata fuq ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018, u l-mira tal-Ewropa 2020 li jitnaqqas it-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ għal inqas minn 10 %,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni bit-titolu "Feasibility Study for a Child Guarantee – final report" (Studju ta' Fattibbiltà għal Garanzija għat-Tfal – rapport finali) ta' Marzu 2020,

– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-Qorti tal-Awdituri ta' April 2017 bit-titolu: "Il-qgħad fost iż-żgħażagħ – il-politiki tal-UE għamlu differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ",

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "L-Appoġġ għall-Impjieg taż-Żgħażagħ: pont għall-impjiegi għall-ġenerazzjoni li jmiss" (COM(2020)0276),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (l-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà)[3],

– wara li kkunsidra t-Tbassir Ekonomiku Ewropew tal-Kummissjoni tar-Rebbiegħa 2020,

– wara li kkunsidra l-istudju tan-Network Ewropew tal-Politika Soċjali bit-titolu "In-work poverty in Europe: A study of national policies" (Il-faqar fl-impjiegi fl-Ewropa: studju ta' politiki nazzjonali), ippubblikat f'Mejju 2019,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2018 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (14582/18),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1152 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar kundizzjonijiet tax-xogħol trasparenti u prevedibbli fl-Unjoni

---

[1] Testi adottati, P9_TA(2020)0205.
[2] ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.
[3] ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.

Ewropea[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ġunju 2020 dwar il-protezzjoni Ewropea tal-ħaddiema transfruntiera u staġjonali fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19[2],

– wara li kkunsidra t-tbassir ekonomiku għas-Sajf 2020 tal-Kummissjoni,

– wara li kkunsidra d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Identifying Europe's recovery needs" (Nidentifikaw il-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa) (SWD(2020)0098),

– wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa tat-18 ta' Frar 2020 (6192/20),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0183/2020),

A. billi l-UE daħlet fl-akbar reċessjoni ekonomika fl-istorja tagħha u li l-attività ekonomika fl-Ewropa naqset b'rati straordinarjament baxxi; billi skont it-tbassir Ekonomiku tas-Sajf 2020, il-PDG tal-UE fl-2020 huwa previst li jonqos b'madwar 8,3 % u ż-żona tal-euro bi 8,7 %;

B. billi l-kriżi tal-COVID-19 ipproduċiet xokk simetriku li jaffettwa lill-Istati Membri kollha, għalkemm l-impatt tagħha mhux se jkun uniformi u se jkun aktar qawwi fuq aktar minn 109 miljun ċittadin li diġà kienu jgħixu fir-riskju ta' faqar qabel il-pandemija; billi l-kriżi poġġiet lis-sistemi ta' protezzjoni soċjali taħt pressjoni kbira biex itaffu l-impatt soċjali tal-kriżi u biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti għal kulħadd kif ukoll aċċess għal servizzi essenzjali bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni; billi l-kriżi tal-COVID-19 aktarx se żżid l-inugwaljanzi eżistenti, u teħtieġ rispons Ewropew u kkoordinat sabiex tiżgura koeżjoni soċjali u territorjali;

C. billi l-kriżi attwali tinvolvi wkoll ir-riskju li jitwessgħu d-differenzi reġjonali u territorjali bejn l-Istati Membri u fihom;

D. billi l-koordinazzjoni effettiva tal-politika ekonomika, soċjali u tas-saħħa Ewropea mas-Semestru Ewropew u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-qalba tagħha hija kruċjali biex jittaffew l-effetti tal-kriżi u jiġi żgurat irkupru ekonomikament innovattiv, soċjalment ġust u ekoloġikament responsabbli; billi involviment akbar min-naħa tal-Parlament Ewropew isaħħaħ is-sorveljanza demokratika tas-Semestru;

E. billi d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2020 attivat il-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir li tippermetti l-flessibbiltà meħtieġa biex jittieħdu l-miżuri kollha sabiex jiġu appoġġjati l-ekonomiji u s-sistemi tas-saħħa; billi l-investimenti soċjali huma essenzjali biex jiżguraw żvilupp sostenibbli, qerda tal-faqar u soċjetajiet inklużivi;

F. billi ċerti għażliet politiċi u investimenti restrittivi wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika

[1] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 105.
[2] Testi adottati, P9_TA(2020)0176.

kellhom konsegwenzi negattivi fuq il-livell ta' protezzjoni pprovdut minn sistemi soċjali u tal-kura tas-saħħa, li f'ċerti każijiet ma kellhomx biżżejjed fondi, li ma kinux kapaċi jnaqqsu b'mod adegwat il-fqar u l-inugwaljanzi, u aggravaw l-effetti tal-pandemija f'ċerti Stati Membri;

G. billi huma meħtieġa miżuri u investimenti deċiżivi għal irkupru mgħaġġel li għandu jiffoka fuq il-mitigazzjoni tal-effetti ekonomiċi u soċjali tal-pandemija, sabiex terġa' tinbeda l-attività ekonomika, jerġgħu jitrawmu l-iżvilupp sostenibbli, it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali u jiġu implimentati l-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti, l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku u l-Ftehim ta' Pariġi, kif ukoll il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) sabiex jinkisbu stati ta' benesseri aktar effettivi u aktar b'saħħithom;

H. billi biex jibbenefikaw mill-Faċilità proposta għall-Irkupru u r-Reżiljenza, l-Istati Membri għandhom iħejju pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza li għandhom ikunu annessi mal-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom billi jqisu s-sejbiet tas-Semestru Ewropew, kif ukoll il-pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima u pjanijiet ta' tranżizzjoni ġusta, u jirrapportaw dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet fil-kuntest tas-Semestru Ewropew; billi l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu pjanijiet speċifiċi ta' progress soċjali b'miri ċari li jiddeskrivu fejn se jkun immirat l-investiment soċjali u kif il-prinċipji tal-EPSR se jiġu implimentati wara l-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-EPSR imħabbar mill-President tal-Kummissjoni Ewropea;

I. billi riformi soċjalment sostenibbli huma dawk ibbażati fuq is-solidarjetà, l-integrazzjoni, il-ġustizzja soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-ġid, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, sistema ta' edukazzjoni pubblika ta' kwalità għolja għal kulħadd, impjieg ta' kwalità u t-tkabbir sostenibbli – mudell li jiżgura l-ugwaljanza u l-protezzjoni soċjali, jagħti s-setgħa lill-gruppi vulnerabbli, isaħħaħ il-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza u jtejjeb l-istandards tal-għajxien għal kulħadd; billi sistemi ta' protezzjoni soċjali rinfurzati huma kruċjali għall-ġlieda kontra l-faqar u l-inugwaljanzi, kif ukoll biex jiġi appoġġjat it-tkabbir inklużiv u sostenibbli;

J. billi skont id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' rkupru tal-Ewropa, l-aktar ħtieġa soċjali urġenti hija l-indirizzar tal-qgħad; billi, il-Kummissjoni f'dan id-dokument tistma li l-investiment meħtieġ għall-infrastruttura soċjali se jkun EUR 192 biljun;

K. billi r-rata tal-qgħad taż-żona tal-euro hija mistennija li tiżdied minn 7,5 % fl-2019 għal madwar 9,5 % fl-2020, b'differenzi sostanzjali fost l-Istati Membri; billi l-qgħad huwa mistenni li jiżdied b'mod irregolari bejn is-setturi, il-ġeneri, l-età u l-gruppi soċjoekonomiċi; billi l-iskemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, is-sussidji tal-pagi u l-appoġġ għan-negozji, appoġġjati minn miżuri Ewropej, jippermettu li jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi u jinżammu l-biċċa l-kbira tal-pagi; billi bosta impjiegi jibqgħu mhedda serjament fuq perjodu medju, u se jkun meħtieġ sforz sinifikanti biex jiġi indirizzat il-qgħad; billi, fil-futur, l-iskema Ewropea ta' riassigurazzjoni tal-qgħad tista' tillimita dawn id-differenzi billi tgħin lill-Istati Membri jkopru l-ispejjeż relatati direttament mal-ħolqien jew l-estensjoni ta' skemi nazzjonali ta' xogħol għal żmien qasir;

L. billi fl-ewwel nofs tal-2020, is-suq tax-xogħol fiż-żona tal-euro għadda minn

deterjorament qawwi kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u l-miżuri meħuda biex din tiġi kkontrollata; billi t-tnaqqis fl-impjieg b'madwar 4 % fl-2020 jaħbi deterjorament aktar sostanzjali fl-għadd ta' sigħat maħduma, billi l-impjegati fi skemi ta' xogħol għal żmien qasir huma *de facto* qiegħda iżda jibqgħu impjegati għal finijiet ta' statistika; billi, biex persuna titqies bħala qiegħda, trid tkun disponibbli għas-suq tax-xogħol, li ma kienx possibbli kullimkien waqt lockdowns stretti, u ħafna persuni li ma kellhomx rabta soda mas-suq tax-xogħol ġew skoraġġuti wkoll milli jfittxu xogħol b'mod attiv u għalhekk ma tqisux bħala qiegħda;

M. billi l-piż ta' dan id-deterjorament tas-suq tax-xogħol jinġarr b'mod mhux uniformi fil-kategoriji tas-suq tax-xogħol kollha; billi l-ħaddiema b'kundizzjonijiet tax-xogħol u kuntratti prekarji, inklużi ħaddiema b'kuntratt u ħaddiema impjegati permezz ta' aġenziji temporanji kienu l-ewwel li tilfu l-impjieg tagħhom; billi ħafna drabi ma jkunux jistgħu jinfurzaw id-drittijiet tagħhom, ma jkollhom l-ebda sigurtà tal-impjieg u protezzjoni tal-assigurazzjoni soċjali jew ikollhom ftit biss minnhom, u jiffaċċjaw riskji ogħla għas-saħħa u s-sikurezza; billi r-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ żdiedet aktar mir-rata kumplessiva u l-persuni li jaħdmu għal rashom sofrew ħafna wkoll minħabba l-lockdowns;

N. billi r-responsabbiltà primarja għall-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija tal-Istati Membri f'termini tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' oqfsa regolatorji tas-suq tax-xogħol, sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ u politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol;

O. billi skont it-tbassir tas-Sajf 2020, bosta fatturi huma mistennija jnaqqsu r-ritorn tas-suq tax-xogħol għas-sitwazzjoni ta' qabel il-pandemija tiegħu, pereżempju skemi ta' sussidji ta' xogħol għal żmien limitat; billi fil-każ ta' perjodu twil ta' attività ekonomika dgħajfa u b'kunsiderazzjoni tan-numru dejjem jiżdied ta' azjendi li huma mistennija li jnaqqsu l-attivitajiet tagħhom jew li jfallu, l-iskemi ma jistgħux jipprevjenu kompletament żieda eventwali fil-qgħad; billi ż-żieda mistennija fir-rati tal-qgħad madwar l-UE tista' tkun partikolarment diffiċli biex tingħeleb fl-Istati Membri fejn il-qgħad kien diġà relattivament għoli qabel il-bidu tal-pandemija, fejn l-irkupru ekonomiku huwa mistenni li jkun bil-mod, jew fejn is-swieq tax-xogħol u x-xbieki tas-sikurezza soċjali huma nieqsa mill-effiċjenza u l-effettività;

P. billi skont l-Eurostat, fl-2018, kien hemm 8,3 miljun ħaddiem part-time qiegħda fl-UE-28, 7,6 miljun persuna kienu disponibbli biex jaħdmu, iżda ma kinux qed ifittxu impjieg, u 2,2 miljun oħra kienu qed ifittxu impjieg, mingħajr ma setgħu jibdew jaħdmu fi żmien qasir; billi fl-2018 fl-UE-28 total ta' 18,1 miljun persuna esperjenzaw sitwazzjonijiet li jixbhu l-qgħad;

Q. billi bejn l-2002 u l-2018, is-sehem tal-UE fl-impjiegi b'pagi medji naqas bi 13-il punt perċentwali;

R. billi l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi strutturali fis-suq tax-xogħol, bħall-parteċipazzjoni baxxa kif ukoll diskrepanzi bejn il-ħiliet u l-kwalifiki; billi hemm ħtieġa li dejjem qed tiżdied ta' miżuri konkreti għall-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' ħaddiema inattivi biex jintlaħqu d-domandi tas-suq tax-xogħol;

S. billi d-deterjorament fis-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol hija mbassra li tillimita ż-żidiet fil-pagi u s-salarji u ddgħajjef il-poter tan-negozjar tal-ħaddiema; billi d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv huma strumenti ewlenin għall-impjegaturi u t-trade unions biex

jistabbilixxu pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u sistemi b'saħħithom ta' negozjar kollettiv iżidu r-reżiljenza tal-Istati Membri fi żminijiet ta' kriżi ekonomika;

T. billi d-dritt għal negozjar kollettiv huwa kwistjoni li tikkonċerna l-ħaddiema Ewropej kollha, b'implikazzjonijiet kruċjali għad-demokrazija u għall-istat tad-dritt, inkluż ir-rispett għad-drittijiet soċjali fundamentali, u n-negozjar kollettiv; billi n-negozjar kollettiv huwa dritt fundamentali Ewropew, u l-istituzzjonijiet Ewropej huma marbuta li jirrispettawh bl-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; billi, f'dan il-kuntest, politiki li jirrispettaw, jippromwovu u jsaħħu n-negozjar kollettiv u l-pożizzjoni tal-ħaddiema fis-sistemi tal-istabbiliment tal-pagi għandhom rwol kritiku fil-kisba ta' kundizzjonijiet ta' xogħol ta' kwalità għolja;

U. billi mis-sena 2000 il-kopertura tan-negozjar kollettiv iddeterjorat f'22 minn 27 Stat Membru; billi l-livell medju ta' sħubija fl-unjoni madwar l-Unjoni Ewropea huwa ta' madwar 23 %, b'differenzi kbar fost l-Istati Membri, li jvarjaw minn 74 % sa 8 %;

V. billi pagi li jiżguraw livell ta' għajxien deċenti, sistemi ta' negozjar kollettiv b'saħħithom, demokrazija fuq il-post tax-xogħol, trasparenza fil-pagi, sigħat tax-xogħol prevedibbli, arranġamenti flessibbli tax-xogħol, protezzjoni soċjali adegwata, u investiment fis-servizzi pubbliċi jistgħu jnaqqsu l-faqar fost dawk li jaħdmu, inaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u tas-saħħa, u jiġġeneraw id-domanda u jtejbu s-saħħa u l-benesseri;

W. billi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1948 tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-ħaddiema jaqilgħu paga li tiggarantixxi l-għajxien, kif ukoll il-Kostituzzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, stabbilita fl-1919; billi, skont id-definizzjoni tal-Eurofound, paga tal-għajxien hija l-ammont ta' introjtu meħtieġ biex impjegat jiġi pprovdut bi standard ta' għajxien bażiku iżda soċjalment aċċettabbli; billi l-pagi minimi fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi jibqgħu taħt is-soll tal-faqar;

X. billi l-kriżi se jkollha impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet soċjali, li taffettwa b'mod partikolari lin-nisa, lill-familji bi dħul baxx u lill-familji, lill-anzjani, lill-minoranzi u lil gruppi vulnerabbli oħra, li jirriżulta f'aktar inugwaljanzi, fraġilità, faqar, qgħad u diverġenzi soċjali, kif ukoll idgħajjef l-istandards soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa; billi, fost l-oħrajn, iż-żgħażagħ, il-ħaddiema b'kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, b'kuntratti mhux standard u temporanji, il-persuni bi kwalifiki baxxi, il-ħaddiema part-time involontarji u dawk li jaħdmu għal rashom, u l-ħaddiema tal-pjattaformi u l-migranti huma fl-akbar riskju li jitilfu l-impjieg tagħhom u li jispiċċaw fil-faqar; billi ħafna ħaddiema f'okkupazzjonijiet essenzjali fir-rispons tal-ewwel linja għall-pandemija tal-COVID-19 jagħmlu parti minn dawn il-kategoriji vulnerabbli;

Y. billi l-kriżi wriet li kull ħaddiem huwa essenzjali, u li jekk is-soċjetajiet tagħna qed jiffunzjonaw f'konfinament, dan mhux biss grazzi għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, ir-riċerkaturi u l-forzi tas-sigurtà iżda fil-biċċa l-kbira wkoll għal dawk li jnaddfu, il-ħaddiema tat-trasport, il-kaxxiera tas-supermarkets, il-ħaddiema fil-qasam tal-kura, il-ħaddiema tal-kunsinna, il-ħaddiema domestiċi, il-ħaddiema tal-pjattaforma, il-ħaddiema f'ċentri telefoniċi, il-ħaddiema tal-ikel u agrikoli, is-sajjieda u ħafna oħrajn li l-kontributi tagħhom huma indispensabbli; billi ta' spiss dawn il-ħaddiema jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena u pagi baxxi u f'ħafna setturi l-biċċa l-kbira tagħhom ikunu nisa;

Z. billi d-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn in-nisa u l-irġiel baqgħu jippersistu u huma f'riskju li jkomplu jikbru bil-kriżi tal-COVID-19; billi fl-UE kollha, in-nisa għadhom jaqilgħu bħala medja 16 % inqas mill-irġiel u d-differenza fil-pensjonijiet bejn l-irġiel u n-nisa hija ta' madwar 37,2 % fl-UE;

AA. billi fl-UE, id-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol minħabba raġunijiet ta' età, sess, identità tal-ġeneru, diżabilità, oriġini etnika jew razzjali, reliġjon jew twemmin, jew orjentazzjoni sesswali, hija pprojbita, u kulħadd għandu dritt għal trattament ugwali fir-reklutaġġ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-promozzjoni, il-paga, l-aċċess għal taħriġ u l-pensjonijiet professjonali;

AB. billi fid-deċennju li jmiss, il-polarizzazzjoni tax-xogħol hija mistennija li tkompli tikber, u l-impjiegi fl-ispettru tal-ħiliet ta' livell ogħla u aktar baxx huma mistennija jikbru; billi din ix-xejra x'aktarx tkun aktar imsaħħa mill-pandemija; billi t-tassazzjoni progressiva hija prekundizzjoni meħtieġa biex tnaqqas l-inugwaljanza kumplessiva, u tiffinanzja stati ta' benesseri li jiffunzjonaw tajjeb;

AC. billi d-dinja tax-xogħol għaddejja minn bidla trasformattiva xprunata mill-innovazzjoni teknoloġika, id-diġitalizzazzjoni, il-bidliet demografiċi, it-tibdil fil-klima, u l-globalizzazzjoni; billi, barra minn hekk, il-kriżi attwali kellha impatt enormi fuq id-drawwiet tax-xogħol tagħna; billi l-użu tat-teknoloġiji diġitali u l-promozzjoni tagħhom b'mod inklużiv huma ta' benefiċċju ekonomiku u soċjali fit-tul, jistgħu jżidu l-kompetittività u joħolqu opportunitajiet ta' xogħol, iżda joħolqu wkoll sfidi, bħall-iżolament soċjali, l-esklużjoni diġitali, iż-żieda fl-inugwaljanzi, il-protezzjoni tad-data, id-deterjorament tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u tax-xogħol tal-ħaddiema, kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom; billi l-investiment fil-ħiliet diġitali, il-kwalifiki u t-taħriġ formali għall-adulti jsaħħaħ l-impjegabbiltà tal-ħaddiema, l-iżviluppi fil-pagi u l-kompetittività tan-negozji; billi l-isfidi globali msemmija hawn fuq jeħtieġu tranżizzjoni ġusta sabiex ħadd ma jitħalla barra;

AD. billi l-moviment liberu tal-ħaddiema huwa prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u huwa essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern;

AE. billi l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-2013 tal-UE dwar l-investiment fit-tfal ma tatx ir-riżultati mwiegħda; billi s-Semestru Ewropew ma pprijoritizzax biżżejjed l-indirizzar kontra l-faqar tat-tfal u l-esklużjoni soċjali u l-fondi tal-UE ma ntużawx daqshekk estensivament jew strateġikament kif setgħu jintużaw; billi l-introduzzjoni ta' garanzija għat-tfal tal-UE b'miri konkreti tkun mod effettiv biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jieħdu impenn politiku ta' livell għoli biex jiggarantixxu d-drittijiet soċjali tat-tfal, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u biex jiġġieldu l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali;

AF. billi l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa għandhom l-għeruq tagħhom fl-inugwaljanzi soċjali, u huma marbuta b'mod partikolari mal-ġeneri, l-istandards edukattivi, l-impjiegi, l-introjtu, il-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni u l-aċċess inugwali għall-assistenza medika, il-prevenzjoni tal-mard u s-servizzi tal-promozzjoni tas-saħħa;

AG. billi fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni jrid ikun assigurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem;

AH. billi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri teżisti varjetà ta' skemi ta' introjtu minimu sabiex

tiġi stabbilita xibka ta' sikurezza għal dawk li jgħixu f'riskju ta' faqar;

AI. billi l-persuni mingħajr dar żdiedu b'mod konsistenti f'ħafna mill-Istati Membri matul l-aħħar għaxar snin; billi mill-inqas 700 000 persuna fl-UE huma mingħajr dar fi kwalunkwe lejl, 70 % aktar minn għaxar snin ilu; billi l-COVID-19 wera li l-problema ta' persuni mingħajr dar hija kemm kriżi soċjali kif ukoll pubblika;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija politika biex tissostitwixxi l-Ewropa 2020 li għandha l-għan li teqred il-faqar, li tiġbor flimkien strumenti ewlenin bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u s-Semestru Ewropew b'viżjoni aktar fit-tul ta' ekonomija tal-benesseri u s-sostenibbiltà tal-ambjent u l-mudelli soċjali tagħna, f'konformità mal-SDGs tan-NU;

2. Jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni speċifiċi għall-pajjiżi (CSRs) tal-2020; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-Istati Membri għamlu progress limitat jew m'għamlu l-ebda progress f'sitta mill-10 CSRs indirizzati lilhom fl-2019, u li l-progress jibqa' mhux uniformi fl-Istati Membri u fl-oqsma ta' politika, u l-progress kien partikolarment bil-mod fit-twessigħ tal-bażi għat-taxxa, kif ukoll fis-saħħa u l-kura fit-tul; jissottolinja li s-CSRs għandhom ikunu koerenti mal-objettivi ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-UE; jenfasizza li l-implimentazzjoni tas-CSRs hija kruċjali għat-trawwim tal-inklużjoni soċjali u t-titjib tad-drittijiet soċjali, u biex jinkisbu impjiegi sħaħ u ta' kwalità u tranżizzjoni soċjalment ġusta; iħeġġeġ lill-Istati Membri, għalhekk, irrispettivament mis-sħubija tagħhom fiż-żona tal-euro, biex jimplimentaw aħjar ir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw l-impjiegi u l-kwistjonijiet soċjali; jenfasizza li billi nitgħallmu mill-kriżi preċedenti u nirreaġixxu għall-kriżi ekonomika u soċjali tal-COVID-19, is-CSRs għandhom jippromwovu r-regolamentazzjoni tas-suq tax-xogħol, isaħħu r-reżiljenza tal-politiki ekonomiċi tagħna u jappoġġjaw lis-servizzi pubbliċi tagħna;

3. Jinsab imħasseb dwar l-effetti soċjali devastanti tal-kriżi tal-COVID-19, b'mod partikolari fuq in-nisa, il-familji bi dħul baxx u l-familji u l-gruppi vulnerabbli, bħall-anzjani, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, ir-refuġjati u l-migranti kif ukoll il-ħaddiema li jinsabu fuq quddiem nett matul il-kriżi, li jkomplu jżidu l-inugwaljanzi li kienu jeżistu qabel u joħolqu oħrajn ġodda, u jistgħu jheddu l-istandards soċjali u tal-impjiegi fl-Ewropa; jenfasizza li rispons Ewropew deċiżiv u kkoordinat biss se jgħin biex itaffi l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi attwali u juri li l-UE hija proġett indispensabbli bbażat fuq il-ġustizzja soċjali, is-solidarjetà u l-integrazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jipproteġu bis-sħiħ id-drittijiet soċjali tan-nies, u jenfasizza r-rwol ewlieni li l-pakkett tal-Assistenza għall-Irkupru għall-Koeżjoni u t-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU) għandu jkollu biex jgħin lil dawk l-aktar żvantaġġati billi jiżgura finanzjament adegwat mill-Fond Ewropew ta' Għajnuna għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD), fl-appoġġ għall-impjiegi, speċjalment għaż-żgħażagħ permezz tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) kif ukoll fit-trawwim tal-koeżjoni tal-UE, inkluż fir-reġjuni ultraperiferiċi;

4. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Istati Membri li jattivaw il-klawżola liberatorja ġenerali biex jipprovdu aktar flessibbiltà biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jappoġġaw is-saħħa taċ-ċittadini Ewropej u s-sistemi ta' protezzjoni ċivili, jippreservaw l-impjiegi, jappoġġaw irkupru robust u jistabbilizzaw l-ekonomija tas-suq soċjali Ewropea; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ minn din il-flessibbiltà fiskali biex jipprevjenu u jimmitigaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi, isaħħu s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, jiffinanzjaw

xogħlijiet ta' kwalità, servizzi pubbliċi, il-ġlieda kontra l-faqar u t-tranżizzjoni ekoloġika; jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni tat-tnedija ta' konsultazzjoni pubblika wiesgħa mal-partijiet interessati rilevanti kollha biex jiġu eżaminati d-direzzjonijiet possibbli tal-iżvilupp tar-regoli fiskali tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jipparteċipaw fid-diskussjoni sabiex jinkoraġġixxu investiment soċjali sostenibbli li jsaħħaħ it-tkabbir filwaqt li tinżamm is-sostenibbiltà fiskali;

5. Jenfasizza l-importanza ta' proċedura baġitarja soda u responsabbli, u jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jagħtu spinta lill-investiment b'reazzjoni għall-kriżi tas-saħħa, speċjalment l-investiment fis-sistemi tal-edukazzjoni, soċjali u tal-kura tas-saħħa; jirrimarka li s-Semestru Ewropew għad m'għandux aġenda għall-monitoraġġ u l-indirizzar taż-żieda fl-inugwaljanzi fl-Ewropa; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni biex tivvaluta aħjar l-impatt distributtiv tal-politiki pubbliċi u l-iżbilanċi f'termini ta' tqassim tal-introjtu u tal-ġid, anki permezz ta' rapporti ta' reviżjoni fil-fond individwali (IDR) jekk jinstabu dawn l-iżbilanċi, bħala mod li jgħaqqad il-koordinazzjoni ekonomika mal-impjieg u l-prestazzjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni tistudja liema għandhom ikunu l-indikaturi l-aktar preċiżi tal-inugwaljanza ekonomika, u timmonitorja l-evoluzzjoni tal-inugwaljanzi;

6. Jilqa' n-Next Generation EU, il-pjan ta' rkupru tal-UE; jappella għal approċċ ibbilanċjat bejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali minn naħa, u l-edukazzjoni u l-infrastruttura soċjali u tal-kura tas-saħħa min-naħa l-oħra; jinsisti li l-pjan ta' rkupru jrid ikun kompletament konformi mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-SDGs tan-NU u l-Patt Ekoloġiku Ewropew; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-klawżola liberatorja ġenerali u jinvestu fin-nies u fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali, u jappoġġjaw kumpaniji vijabbli f'diffikultajiet sabiex jissalvagwardjaw ix-xogħlijiet u l-pagi; jappella għal pjanijiet ta' progress soċjali speċifiċi biex jiġu żgurati stati soċjali aktar effettivi, ekwitabbli u aktar b'saħħithom; jitlob qafas finanzjarju pluriennali (QFP) ambizzjuż, imsaħħaħ b'riżorsi proprji ġodda, u jirrifjuta kwalunkwe tnaqqis fil-finanzjament għal programmi ffokati fuq il-koeżjoni, bħall-FSE+;

7. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) u l-kisba tal-SDGs tan-NU, inkluż fil-kuntest tal-Pjan ta' Rkupru għall-Ewropa, sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali, il-koeżjoni soċjali u l-prosperità għal kulħadd; huwa mħasseb li fil-kriżi attwali s-sistemi tal-protezzjoni soċjali qed jesperjenzaw pressjoni mingħajr preċedent u li n-nefqa pubblika relatata se tiżdied b'mod esponenzjali; jenfasizza li sabiex jitħeġġeġ l-ikupru, l-isforz ta' investiment tal-UE permezz tal-Pjan ta' Rkupru u l-QFP għandu jistimula t-tkabbir ekonomiku b'dimensjoni soċjali b'saħħitha, b'mod partikolari billi jissaħħu s-sistemi ta' sigurtà soċjali u jsir investiment f'sistemi tas-sigurtà soċjali stabbli, kura tas-saħħa, edukazzjoni, akkomodazzjoni, impjiegi, kultura, ġustizzja u servizzi soċjali pubbliċi adegwati u aċċessibbli bl-għan li jiġi miġġieled l-impatt soċjali tal-kriżi u jinqered il-faqar;

8. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal SURE bħala miżura ta' emerġenza biex tappoġġja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19, u, bħala riżultat, iżżid l-opportunitajiet tal-kumpaniji li jiksbu l-likwidità meħtieġa biex ikomplu l-attività ekonomika u jissalvagwardjaw ix-xogħlijiet; jieħu nota tan-natura temporanja tal-istrument; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, teżamina l-possibbiltà ta' strument speċjali permanenti li jiġi attivat – fuq talba tal-Istati Membri – f'każ ta' kriżi mhux mistennija li twassal għal żieda kostanti fin-nefqa għal skemi ta' xogħol għal żmien

qasir u miżuri simili;

9. Jissottolinja l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea biex timmobilizza l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni b'reazzjoni għall-konsegwenzi tal-kriżi tal-COVID-19 fuq l-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex jibagħtu malajr talbiet għal finanzjament lill-Kummissjoni biex tappoġġja lill-ħaddiema Ewropej, li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba l-COVID-19, biex jintuża għat-taħriġ mill-ġdid, il-kwalifikazzjoni mill-ġdid u r-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-assistenza finanzjarja tingħata biss lil impriżi li mhumiex irreġistrati fil-pajjiżi elenkati fl-Anness 1 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal skopijiet ta' taxxa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-benefiċjarji jikkonformaw mal-valuri fundamentali minquxa fit-Trattati, u li l-kumpaniji li jirċievu appoġġ finanzjarju pubbliku jipproteġu lill-ħaddiema, jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, jirrispettaw it-trade unions u l-ftehimiet kollettivi applikabbli, iħallsu s-sehem tagħhom tat-taxxi, u joqogħdu lura milli jixtru l-ishma lura jew iħallsu bonusijiet lill-maniġment jew dividendi lill-azzjonisti;

11. Jenfasizza r-rwol ċentrali tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ it-tabella ta' valutazzjoni, li tirrifletti l-20 prinċipju kollha tal-EPSR, u tiżviluppa miri soċjali, inkluż dwar it-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll metodu biex tintegra l-aspetti soċjali tal-fatturi Ambjentali, Soċjali u ta' Governanza (ESG); jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjonijiet *ex ante* kif ukoll ta' evalwazzjonijiet *ex post* bir-reqqa tal-Programmi Nazzjonali ta' Riforma;

12. Jinsab imħasseb dwar l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 li qed taffettwa b'mod negattiv is-suq tax-xogħol Ewropew, u dwar it-telf ta' impjiegi mingħajr preċedent, speċjalment f'setturi strateġiċi, kif ukoll dwar iż-żieda assoċjata fil-faqar u fid-diverġenzi fl-istandards tal-għajxien, li se jaffettwaw b'mod speċjali liż-żgħażagħ, lin-nisa u lill-ħaddiema f'pożizzjonijiet bi ftit kwalifiki, fl-ekonomija informali u fl-impjiegi prekarji; ifakkar lill-President tat-tħabbira tal-Kummissjoni li se tiġi ppreżentata skema ta' riassigurazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad tal-UE; jistieden lill-Istati Membri jimplimentaw miżuri għaż-żamma tal-impjiegi u jippromwovu arranġamenti flessibbli tax-xogħol sabiex jippreservaw l-impjiegi; jistieden lill-Istati Membri jinvestu b'mod adegwat f'politiki tas-suq tax-xogħol attivi u effettivi, fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fit-tagħlim tul il-ħajja, u jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u ġodda tal-UE biex jipprevjenu l-qgħad fit-tul, speċjalment f'dawk ir-reġjuni li jsofri minn żvantaġġi demografiċi sinifikanti, bħaż-żoni rurali; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu wkoll opportunitajiet ġodda ta' impjieg, inkluż permezz ta' programmi ta' investiment pubbliku u ta' impjiegi, u jsaħħu r-rwol tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi b'enfasi speċjali fuq l-għajnuna liż-żgħażagħ, lill-persuni b'diżabilità u lill-persuni li jiffaċċjaw diskriminazzjoni biex jidħlu fis-suq tax-xogħol;

13. Jinnota bi tħassib kbir il-livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u l-fraġilità tal-kuntratti ta' xogħol tal-ħaddiema żgħażagħ, b'mod partikolari f'setturi milquta serjament mill-COVID-19; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jieħdu miżuri xierqa biex jindirizzaw il-qgħad fost iż-żgħażagħ, billi jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti finanzjarji attwali u ġodda bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ u Erasmus+; jappella għal Garanzija għaż-Żgħażagħ aktar effettiva u inklużiva b'enfasi speċjali fuq impjiegi ta' kwalità b'remunerazzjoni deċenti, b'mod partikolari mmirata lejn dawk l-

aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol;

14. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pandemija tal-COVID-19 ma taggravax il-pożizzjoni ta' dawk il-gruppi l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol, bħall-persuni li jindukraw b'mod informali, il-persuni b'mard fit-tul, b'diżabilità, bi problemi ta' saħħa jew b'mard kroniku kumpless, il-migranti u r-refuġjati, u l-persuni minn minoritajiet etniċi u reliġjużi;

15. Jenfasizza li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) għandhom rwol importanti għall-iżvilupp sostenibbli u inklużiv, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-SMEs u l-ħaddiema tagħhom fl-irkupru tal-attività ekonomika kif ukoll it-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar diġitali u aktar ekoloġika;

16. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu b'mod attiv l-iżvilupp tal-ekonomiji ċirkolari u soċjali, irawmu l-innovazzjoni soċjali u l-intrapriżi soċjali, isaħħu s-sostenibbiltà tagħhom, u jħeġġu forom ta' xogħol li joħolqu opportunitajiet ta' xogħol ta' kwalità;

17. Jemmen li sabiex tinżamm u tiżdied il-kompetittività globali, il-qafas regolatorju tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri jeħtieġ li jkun ċar, sempliċi u flessibbli filwaqt li jżomm l-istandards għoljin tax-xogħol;

18. Jenfasizza li l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Pjan ta' Rkupru tal-UE teħtieġ djalogu soċjali xieraq fil-livelli kollha bl-involviment effettiv tas-sħab soċjali, it-tisħiħ tad-drittijiet tal-ħaddiema u t-trade unions, kif ukoll in-negozjar kollettiv u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema, li huma għodod fundamentali għad-demokrazija u l-inklużjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw il-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali, inkluż permezz tal-FSE+ sabiex isaħħu d-densità tat-trade unions, id-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv, u l-involviment tal-ħaddiema fi kwistjonijiet tal-kumpaniji, u jirrispettaw il-ftehimiet kollettivi fl-akkwist pubbliku; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw ukoll li s-sħab soċjali jkunu involuti bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika, inkluż is-Semestru Ewropew;

19. Jilqa' l-konsultazzjoni tat-tieni fażi tal-Kummissjoni mas-sħab soċjali dwar qafas tal-UE għall-pagi minimi; jinnota li l-pagi deċenti huma importanti għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ekonomija tas-suq soċjali li jkollha suċċess; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw pagi għal għajxien deċenti 'l fuq mil-limitu tal-faqar għall-ħaddiema kollha permezz ta' ftehimiet kollettivi, jew permezz ta' liġi nazzjonali; jemmen li negozjar kollettiv imsaħħaħ huwa wieħed mill-aħjar modi biex tiġi promossa paga deċenti fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tidentifika ostakli għad-djalogu soċjali fi ħdan l-UE, u tippreżenta qafas Ewropew għall-pagi minimi biex telimina l-faqar fost dawk li jaħdmu f'konformità mat-tradizzjonijiet nazzjonali u b'rispett xieraq għall-awtonomija tas-sħab soċjali nazzjonali u ta' mudelli ta' negozjar kollettiv li jiffunzjonaw tajjeb; jenfasizza li kwalunkwe inizjattiva ma tridx tagħmel ħsara lill-awtonomija tas-sħab soċjali jew l-istabbiliment tal-pagi fis-sistemi ta' negozjar kollettiv; jappella għal approċċ koordinat fil-livell tal-UE sabiex tiġi evitata kompetizzjoni dannuża fil-kost lavorattiv, u biex tiżdied il-konverġenza soċjali 'l fuq għal kulħadd; jenfasizza, barra minn hekk, li l-pagi għandhom jippermettu lill-ħaddiema jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom u dawk tal-familji tagħhom, u li kull ħaddiem fl-Unjoni għandu jirċievi paga li tiggarantixxi l-għajxien; jitlob lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tistudja kif tidentifika x'tista' tinkludi paga li tiggarantixxi l-għajxien, u kif għandha titkejjel, li tista' sservi bħala għodda ta'

referenza għas-sħab soċjali;

20. Jappella li jkun hemm aċċess għal pensjonijiet tax-xjuħija pubbliċi, ibbażati fuq is-solidarjetà u adegwati għall-ħaddiema kollha u għall-persuni li jaħdmu għal rashom li jaqbżu l-limitu tal-faqar; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet; jemmen li r-riformi tas-sistemi tal-pensjoni għandhom jiffokaw fuq l-età effettiva tal-irtirar u jirriflettu x-xejriet tas-suq tax-xogħol, ir-rati tat-twelid, is-sitwazzjoni tas-saħħa u tal-ġid, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-proporzjon ta' dipendenza mill-ekonomija; iqis li dawn ir-riformi jridu jqisu wkoll is-sitwazzjoni ta' miljuni ta' ħaddiema fl-Ewropa, b'mod partikolari n-nisa, iż-żgħażagħ u dawk li jaħdmu għal rashom, li jsofru minn impjieg mhux sigur u prekarju, perjodi ta' qgħad mhux volontarju u ħin tax-xogħol imnaqqas; jemmen li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu djalogu kostruttiv mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, u jippermettu introduzzjoni gradwali adatta tar-riformi;

21. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-ħaddiema l-aktar esposti u essenzjali, tal-ħaddiema tal-pjattaforma, tal-ħaddiema mhux standard u tal-ħaddiema f'forom prekarji ta' impjieg, filwaqt li tidentifika l-kawżi tas-sitwazzjoni prekarja tagħhom, tippreżenta qafas regolatorju Ewropew b'linji gwida ċari u sempliċi biex tiżgura sigħat tax-xogħol adegwati, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema kollha, drittijiet u aċċess universali għall-protezzjoni soċjali, u ssaħħaħ il-kopertura tan-negozjar kollettiv, tiġġieled kontra kuntratti prekarji, impjieg indipendenti fittizju, kuntratti mingħajr sigħat u kuntratti mhux xierqa; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi limiti stretti fuq il-prattiki tas-sottokuntrattar, u ttejjeb l-istandards tal-protezzjoni soċjali; kif ukoll li tipprovdi linji gwida għall-ittestjar tal-istatus tal-impjieg ta' kuntratturi indipendenti sabiex tiġġieled kontra l-impjieg indipendenti fittizju; jenfasizza li l-ħaddiema soġġetti għal ftehimiet kuntrattwali temporanji jew flessibbli għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni bħall-ħaddiema l-oħra kollha;

22. Jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' aċċess adegwat għas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u n-nuqqas ta' aċċess bħal dan għall-ħaddiema atipiċi kif ukoll għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom; jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, b'mod partikolari wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom; jenfasizza l-ħtieġa li l-aċċess għall-protezzjoni soċjali jsir universali, speċjalment fis-sitwazzjoni diffiċli attwali;

23. Jissottolinja li l-pandemija reċenti tat prova tal-importanza tas-soluzzjonijiet diġitali, b'mod partikolari t-telexogħol, u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti linji gwida u regolamentazzjoni f'dan ir-rigward fil-livell Ewropew; jemmen li l-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, it-telexogħol u x-xogħol bla post fiss li jkunu rregolati b'mod xieraq jista' jkollhom rwol importanti fiż-żamma tax-xogħlijiet, l-appoġġ għall-bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-kontribut għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ relatat mal-vjaġġi ta' kuljum, it-titjib tal-opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni b'diżabilità, u jistgħu jservu bħala għodda biex tiġi indirizzata d-depopulazzjoni rurali; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tipproponi aġenda tat-telexogħol tal-UE, inkluż qafas leġiżlattiv biex tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti inkluż ir-rispett għas-sigħat tax-xogħol, il-liv, il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u d-dritt ta' skonessjoni; jenfasizza li hija meħtieġa attenzjoni speċjali għas-sitwazzjoni tal-ġenituri bi tfal żgħar, tal-ġenituri waħedhom u tal-persuni li jindukraw b'mod informali li

jipprovdu kura kontinwa lill-qraba indipendenti, peress li l-pandemija tal-COVID-19 uriet li dawn il-gruppi kellhom l-akbar diffikultà biex jirrikonċiljaw il-ħajja tax-xogħol u tal-familja meta jaħdmu mid-dar; jissottolinja, għalhekk, l-importanza ta' soluzzjonijiet xierqa għall-indukrar tat-tfal;

24. Jinsab imħasseb dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien tal-ħaddiema staġonali u ħaddiema transfruntiera oħra, speċjalment fis-settur b'pagi baxxi; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-portabbiltà tad-drittijiet u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ekwi għall-ħaddiema mobbli, transfruntiera u staġjonali fl-UE; jappella lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ favur id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi pubbliċi sabiex jiffaċilitaw mobbiltà ġusta tal-ħaddiema, b'mod partikolari fir-rigward tal-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tressaq, wara valutazzjoni tal-impatt xierqa, proposta għal numru diġitali tas-sigurtà soċjali tal-UE li għandha wkoll il-potenzjal li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kontroll kemm għall-individwi kif ukoll għall-awtoritajiet rilevanti biex jiġi żgurat li s-sigurtà soċjali titħallas f'konformità mal-obbligi; jemmen, barra minn hekk, li kull ħaddiem għandu jkollu aċċess għal rendikont sħiħ dwar min huma l-impjegaturi tagħhom u l-intitolamenti tas-salarji u d-drittijiet tax-xogħol tagħhom, jew f'konformità mal-ftehimiet kollettivi jew mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn applikabbli; jappella, barra minn hekk, għal responsabbiltà tas-sottokuntratturi fl-UE kollha f'ċerti setturi bħall-industriji tal-agrikoltura u tal-laħam, speċjalment fil-każ ta' kuntratti ta' xogħol fuq il-post, u għal regoli ċari dwar prattiki ta' sottokuntrattar b'mod ġenerali;

25. Jiddikjara li l-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal żieda fir-riskji għas-saħħa u s-sikurezza għal miljuni ta' ħaddiema; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tirrevedi d-Direttiva dwar l-Aġenti Bijoloġiċi (2000/54/KE) bil-għan li tadattaha għall-pandemiji globali u ċirkostanzi straordinarji oħra, u tassigura l-protezzjoni sħiħa tal-ħaddiema kontra r-riskji tal-esponiment; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Qafas Strateġiku ġdid għas-Saħħa u s-Sikurezza, direttiva dwar l-istress relatat max-xogħol u l-mard muskoloskeletali, direttiva dwar il-benessri mentali fuq il-post tax-xogħol, u strateġija tal-UE dwar is-saħħa mentali sabiex tipproteġi lill-ħaddiema kollha fuq il-post tax-xogħol; jappella biex ir-rwol tal-EU-OSHA jissaħħaħ sabiex jippromwovi postijiet tax-xogħol b'saħħithom u siguri fl-Unjoni kollha; jenfasizza li l-investimenti fis-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol itejbu l-kwalità tax-xogħol u l-benesseri tal-ħaddiema, u jikkontribwixxu għall-produttività u l-kompetittività tal-ekonomija Ewropea;

26. Jinsab imħasseb dwar il-mobbiltà soċjali limitata bejn il-ġenerazzjonijiet u l-inugwaljanza fid-dħul li qed tiżdied; jirrimarka li l-livelli għolja ta' inugwaljanza jnaqqsu l-produzzjoni ekonomika u l-potenzjal għal tkabbir sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-inugwaljanzi u jiġġieldu d-diskriminazzjoni; jenfasizza li l-Istati Membri għandhom ifasslu s-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji nazzjonali tagħhom b'mod li jnaqqas l-inugwaljanzi, jippromwovi l-ġustizzja, jipproteġi lill-unitajiet domestiċi u lill-familji u jipprovdi inċentivi għall-edukazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol filwaqt li fl-istess ħin jiżgura l-allinjament sħiħ mal-SDGs tan-Nazzjonijiet Uniti u mal-objettivi klimatiċi u ambjentali definiti fil-Patt Ekoloġiku Ewropew; jenfasizza li l-investiment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet, kif ukoll sistemi ta' benefiċċji u tat-taxxa mfassla aħjar huma għodod ewlenin ta' politika għat-tnaqqis tal-inugwaljanza u l-promozzjoni ta' opportunitajiet ugwali;

27. Jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa l-obbligi legali internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tat-tfal li l-Istati Membri (kif ukoll l-UE kollha kemm hi f'każ ta' wħud mid-

drittijiet) huma impenjati li jirrispettaw; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta garanzija tal-UE għat-tfal fl-2020; jappella biex isir użu sħiħ mill-opportunitajiet fil-QFP 2021-2027 għall-investiment fit-tfal, u biex il-fondi tiegħu jintużaw għall-iżvilupp tal-valur miżjud potenzjali tal-garanzija għat-tfal tal-UE meta jiġi miġġieled il-faqar kif ukoll it-tendenzi negattivi li jagħmlu l-ħsara relatati mal-bidla demografika fl-Ewropa; jitlob lill-Istati Membri  biex jistabbilixxu pjanijiet ta' azzjoni Ewropej u nazzjonali biex jiżguraw l-aċċess tat-tfal għall-ħames drittijiet soċjali ewlenin – aċċess għal kura tas-saħħa b'xejn, edukazzjoni b'xejn, kura tat-tfal b'xejn, akkomodazzjoni deċenti u nutrizzjoni adegwata;

28. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun garanzija għat-tfal tal-UE li tibni fuq l-approċċ tat-tliet pilastri tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2013 dwar l-investiment fit-tfal, kif ukoll strateġija kontra l-faqar ibbażata fuq id-drittijiet, komprensiva u integrata b'mira magħżula għat-tnaqqis tal-faqar, u qafas tal-UE dwar strateġiji nazzjonali għall-persuni mingħajr dar billi tadotta l-prinċipju "L-Akkomodazzjoni Qabel Kollox", kif ukoll Qafas Strateġiku tal-UE dwar ir-Rom wara l-2020 b'objettivi konkreti u finanzjament nazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni twettaq ukoll studju komparattiv dwar l-iskemi ta' introjtu minimu differenti fl-Istati Membri, li jipprovdu bażi ta' protezzjoni soċjali u xibka ta' sikurezza għal dawk fil-bżonn u biex tenfasizza każijiet tal-aħjar prattika bil-ħsieb li tippreżenta qafas f'dan ir-rigward;

29. Jenfasizza l-importanza tad-dimensjoni tal-istabbilizzazzjoni awtomatika tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali sabiex jiġu ammortizzati l-mewġ ta' xokkijiet soċjali kkawżati minn effetti esterni bħal reċessjonijiet; jappella, għalhekk, lill-Istati Membri biex jintroduċu politiki biex jerġgħu jistabbilixxu s-sigurtà tal-impjieg billi jipprovdu protezzjoni soċjali lit-tipi kollha ta' ħaddiema, inklużi l-każijiet ta' sensji; jistieden ukoll lill-Istati Membri, fid-dawl tar-Rakkomandazzjoni Nru 202 tal-ILO, li tiddefinixxi l-pjattaformi ta' protezzjoni soċjali, biex tiżgura u żżid l-investiment fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali b'tali mod li tiggarantixxi l-prestazzjoni tagħhom fil-prevenzjoni u l-qerda tal-faqar u tal-inugwaljanzi filwaqt li tiżgura s-sostenibbiltà tagħhom;

30. Jilqa' l-fatt li matul il-pandemija tal-COVID-19, ħafna Stati Membri ħadu miżuri straordinarji biex jipprevjenu u jindirizzaw il-problema tal-persuni mingħajr dar billi waqqfu l-iżgumbramenti u pprovdew akkomodazzjonijiet ta' emerġenza; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprovdu aċċess għall-akkomodazzjoni u jipprovdu soluzzjonijiet sostenibbli, proattivi u reattivi sabiex sal-2030 jeqirdu l-problema ta' persuni mingħajr dar; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiġbru data aħjar u aktar armonizzata dwar il-problema ta' persuni mingħajr dar, u biex idaħħlu l-problema ta' persuni mingħajr dar fil-politiki rilevanti kollha;

31. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jressqu proposti speċifiċi biex jiżguraw tranżizzjoni ġusta fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija tad-djar u biex jindirizzaw b'mod adegwat il-problema tal-faqar enerġetiku b'rabta mal-objettivi u l-prinċipji tal-Patt Ekoloġiku;

32. Jissottolinja li t-trasparenza fil-pagi hija kruċjali biex jiġu miġġielda d-differenzjali tal-pagi inġusti u d-diskriminazzjoni; jilqa', għalhekk, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tintroduċi miżuri vinkolanti ta' trasparenza fil-pagi, li għandhom jinkludu indiċi tal-pagi ugwali bejn in-nisa u l-irġiel u jirrispettaw bis-sħiħ l-awtonomija tas-sħab soċjali nazzjonali; iħeġġeġ l-adozzjoni rapida ta' dawn il-miżuri sabiex jiġu indirizzati d-differenzi bejn il-pagi u l-pensjonijiet tal-irġiel u n-nisa, u biex jiġu evitati aktar

inugwaljanzi u diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru fis-suq tax-xogħol; itenni l-ħtieġa għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-oqsma baġitarji u ta' politika kollha; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jippromwovu l-intraprenditorija tan-nisa u jiffaċilitawlhom l-aċċess għall-finanzjament; jistieden lill-Istati Membri jiżblokkaw in-negozjati fil-Kunsill dwar id-direttiva dwar in-nisa fuq bordijiet; jappella biex il-perjodi tal-liv tal-maternità u tal-ġenituri jiġu inklużi aħjar fl-intitolamenti tal-pensjoni;

33. Huwa mħasseb dwar id-diskriminazzjoni u r-razziżmu li dejjem qegħdin jiżdiedu fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, il-politika u l-prattika kontra d-diskriminazzjoni, u biex itemmu d-diskriminazzjoni strutturali kontra l-minoranzi fl-aċċess għax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta komunikazzjoni dwar il-linji gwida biex tipprevjeni s-segregazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-minoranzi, inklużi minoranzi etniċi, kif ukoll dwar standards għal politiki ta' reklutaġġ ħielsa mhux assoċjati mad-diskriminazzjoni għall-Istati Membri u l-impjegaturi, inklużi rakkomandazzjonijiet għall-adozzjoni ta' pjanijiet ta' ugwaljanza fil-livell tal-kumpanija u fi ftehimiet kollettivi settorjali u t-twaqqif ta' task forces dwar id-diversità fuq il-post tax-xogħol, li għandhom jindirizzaw l-isterjotipi, il-preġudizzju u l-attitudnijiet negattivi, u jipprevjenu d-diskriminazzjoni fir-reklutaġġ, il-promozzjoni, il-ħlas u l-aċċess għat-taħriġ; jenfasizza li dawn il-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza għandhom jintużaw ukoll biex tiġi promossa d-diversità etnika u kulturali fuq il-post tax-xogħol, biex jiġu żviluppati regolamenti interni kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni u l-fastidju relatati fuq il-post tax-xogħol, biex jiġu mmonitorjati u riveduti r-reklutaġġ, il-progressjoni u ż-żamma tal-forza tax-xogħol skont il-qasam tal-ugwaljanza sabiex jiġu identifikati prattiki diskriminatorji diretti jew indiretti u sabiex jiġu adottati miżuri korrettivi biex titnaqqas l-inugwaljanza f'kull wieħed minn dawn l-oqsma; jappella biex dawn il-pjanijiet ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza jinkludu l-ġbir ta' data dwar l-ugwaljanza f'konformità mal-istandards tal-privatezza u tad-drittijiet fundamentali għal dawn il-finijiet;

34. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-etaiżmu fis-swieq tax-xogħol, inkluż permezz tas-sensibilizzazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, u billi jiġi żgurat l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja permezz ta' korsijiet u taħriġ personalizzati;

35. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu indukrar tat-tfal u servizzi ta' edukazzjoni bikrija aċċessibbli u affordabbli, kif ukoll servizzi ta' kura u servizzi soċjali għal żmien qasir u fit-tul, inkluż għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità, biex jiġu ffaċilitati l-għajxien indipendenti u l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol; jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jimplimentaw malajr u b'mod sħiħ id-direttiva dwar il-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata tal-ġenituri u tal-persuni li jindukraw; jappella li jiġi żviluppat qafas tal-UE għas-servizzi tal-kura biex jiġu stabbiliti standards minimi u linji gwida ta' kwalità;

36. Jirrikonoxxi r-rwol kruċjali tal-persuni Ewropej li jindukraw waqt il-pandemija; jappella għal strateġija Ewropea għall-persuni li jindukraw biex tiġi żgurata mobilità tax-xogħol ġusta f'dan is-settur u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-persuni li jindukraw;

37. Jirrimarka li l-kriżi kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 aggravat l-istandards tal-għajxien tal-persuni b'diżabilità; jistieden lill-Kummissjoni tressaq Strateġija tad-

Diżabilità tal-UE għal wara l-2020 li tkun komprensiva u fit-tul ibbażata fuq konsultazzjoni ma' persuni b'diżabilita u l-membri tal-familji u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni tal-kriżijiet f'konformità mal-UNCRPD sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, il-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà, u l-opportunitajiet indaqs tagħhom u l-aċċess nondiskriminatorju tagħhom għal prodotti, servizzi u attivitajiet ta' divertiment; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu wkoll l-isforzi biex jiżguraw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għall-persuni b'diżabilità billi jneħħu l-ostakoli, jisfruttaw l-opportunitajiet li x-xogħol diġitali joffri u joħolqu inċentivi għall-impjiegi tagħhom;

38. Jinsab imħasseb dwar il-proporzjon staġnat ta' dawk li jitilqu kmieni mill-iskola, speċjalment fost il-gruppi emarġinati, u dwar il-proporzjon dejjem akbar ta' studenti li ma jmorrux tajjeb fl-iskola; jenfasizza li l-lakuni fin-numeriżmu bażiku, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali huma impedimenti kbar għal parteċipazzjoni sinifikanti fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu li edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità għolja, aċċessibbli u inklużivi jkunu dritt għal kulħadd; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jinvestu f'edukazzjoni ta' kwalità għolja, taħriġ vokazzjonali u taħriġ b'appoġġ imfassal apposta, isaħħu l-miżuri ta' kwalifikazzjoni u taħriġ mill-ġdid, b'mod partikolari l-akkwist ta' ħiliet diġitali, u l-promozzjoni ta' taħriġ tul il-ħajja, sabiex jippermettu l-forza tax-xogħol tadatta għat-tibdil fir-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol; jenfasizza li r-riżultati edukattivi huma wkoll affettwati b'mod negattiv mill-esklużjoni soċjali, id-diskriminazzjoni, l-istereotipizzazzjoni, il-faqar u s-segregazzjoni, li għandhom jiġu indirizzati wkoll; jistieden lill-Kummissjoni twettaq analiżi komprensiva tal-fatturi li jistigaw it-tluq bikri mill-iskola, inklużi l-aspetti soċjali tiegħu, u abbażi ta' dan tippreżenta proposta biex tiġi indirizzata l-problema;

39. Jenfasizza li t-tlaqqigħ tal-kwalifiki mal-ħiliet u l-opportunitajiet ta' impjieg, kif ukoll ir-rikonoxximent rapidu u ċ-ċertifikazzjoni aħjar tal-kwalifiki professjonali fl-UE, jistgħu jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' suq tax-xogħol Ewropew inklużiv u li jiffunzjona tajjeb, u li kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn is-sistemi edukattivi u n-negozji tista' tikkontribwixxi għal dan il-għan; jistieden lill-Istati Membri jisfruttaw bis-sħiħ is-soluzzjonijiet diġitali fil-qasam tal-edukazzjoni, filwaqt li jqisu l-iżvilupp rapidu tat-teknoloġija u l-ħtiġijiet futuri tas-suq tax-xogħol;

40. Jenfasizza li l-kwalifiki u l-kompetenzi ċċertifikati jipprovdu valur miżjud lil ħaddiema, itejbu l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u jistgħu jiġu trasferiti fi tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol; jappella biex il-politika pubblika dwar il-ħiliet tkun orjentata lejn iċ-ċertifikazzjoni u l-validazzjoni tal-kwalifiki u tal-kompetenzi; jenfasizza li sistemi ta' kumpens ibbażati fuq il-ħiliet għandhom jiġu stabbiliti f'kumpaniji li jaċċessaw il-fondi pubbliċi għat-titjib fil-ħiliet tal-ħaddiema bi ftehim mar-rappreżentanti tal-ħaddiema, billi din is-sistema tiżgura li jkun hemm redditu fuq l-investiment pubbliku;

41. Jilqa' l-Aġenda tal-Ħiliet għall-Ewropa aġġornata, li għandha l-għan li tissodisfa r-rekwiżiti tal-ħiliet u l-isfidi futuri tas-suq tax-xogħol, tas-soċjetà u tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-UE; jissottolinja li l-appoġġ ta' ħiliet adegwati, b'enfasi fuq il-ħiliet diġitali, se jtejjeb il-produttività u jtaffi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali lejn ekonomija aktar ekoloġika u intelliġenti; jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni, in-nuqqas ta' ħiliet u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet, u l-esklużjoni diġitali; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni partikolari liż-

żgħażagħ, lill-persuni qiegħda fit-tul, lill-vittmi tal-vjolenza sessista, lill-persuni b'diżabilità, lill-persuni Rom u lil gruppi oħra f'riskju ta' diskriminazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li tiġi stabbilita garanzija tal-ħiliet f'konformità mal-prinċipji tal-garanzija għaż-żgħażagħ sabiex l-Ewropej kollha jirċievu opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid ta' kwalità tajba;

42. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-determinanti soċjali, ekonomiċi u ambjentali tas-saħħa; jappella għall-ħolqien ta' Unjoni Ewropea tas-Saħħa, l-ittestjar tal-istress tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tal-UE, standards minimi għal kura tas-saħħa ta' kwalità, Mekkaniżmu Ewropew ta' Rispons għas-Saħħa, kif ukoll aġenziji tas-saħħa tal-UE msaħħa u kapaċitajiet tal-protezzjoni ċivili, kollha bbażati fuq il-prinċipji tas-solidarjetà, in-nondiskriminazzjoni, l-awtonomija strateġika u l-kooperazzjoni, filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet tas-saħħa pubblika jitqiegħdu fil-qalba tad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni, kif minquxa fit-Trattat, b'valutazzjoni sistematika tal-impatt fuq is-saħħa tal-politiki rilevanti kollha u attenzjoni speċjali għall-għoti tal-kura tas-saħħa u t-trattament għall-anzjani; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw aċċess għal kura tas-saħħa ta' kwalità għolja ċċentrata fuq in-nies u aċċessibbli, inkluża kura preventiva universali effiċjenti u b'riżorsi tajbin u l-promozzjoni tas-saħħa għal kulħadd; jilqa' l-bidla fis-Semestru Ewropew mill-iffrankar tal-ispejjeż għall-orjentazzjoni tal-prestazzjoni u l-eżiti tas-saħħa għall-kura tas-saħħa; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex tindirizza l-inugwaljanzi fis-saħħa bejn u fi ħdan l-Istati Membri tal-UE, tiżviluppa indikaturi u metodoloġiji komuni għall-monitoraġġ tas-saħħa u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa bil-għan li jitnaqqsu l-inugwaljanzi, jiġu identifikati u prijoritizzati l-oqsma li jeħtieġu titjib u żieda fil-finanzjament; iqis li l-Kummissjoni għandha tevalwa l-effikaċja tal-miżuri sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa li jirriżultaw minn politiki li jkopru fatturi ta' riskju soċjali, ekonomiċi u ambjentali;

43. Itenni l-importanza tal-istat tad-dritt – inklużi sistemi ġudizzjarji indipendenti u effiċjenti, amministrazzjonijiet pubbliċi u akkwist pubbliku ta' kwalità u oqfsa robusti kontra l-korruzzjoni – bħala l-bażi għal ambjent kummerċjali sod, swieq tax-xogħol li jiffunzjonaw u użu xieraq tal-fondi tal-UE; jenfasizza, għaldaqstant, li l-valutazzjoni tal-istat tad-dritt u l-effikaċja tas-sistema ġudizzjarja għandhom ikomplu jiġu inklużi fis-Semestru Ewropew; jistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Karta Soċjali Ewropea riveduta;

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.